**2€ ta' Awissu, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Emanuel Bezzina bħala azzjonist u bħala Direttur tas-Soċjetà "*Bezzina Bros. Limited*" u b'din l-istess sentenza tas-26 ta' Awissu, 1987, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Mary, armla ta' Emmanuele Bezzina, Joseph, Raymond, Roger, Yvonne mart Vincent German u Alexandra mart Francis Azzopardi aħwa Bezzina *stante* l-mewt ta' l-istess Emmanuel Bezzina li miet fil-mori tal-kawża

*versus*

Walter Bezzina bħala azzjonijiet u bħala Direttur tas-soċjetà "*Bezzina Bros. Limited*"

**Soċjetà Kummerċjali – Xoljiment – Digriet – Appell minn – Sentenza – Nullità ta' – Ammissibilità ta' Sentenza mill-Ewwel Qorti fuq il-Mertu waqt li Appell minn Digriet għadu Pendenti**

*L-attur talab ix-xoljiment ta' soċjetà. L-ewwel Qorti sabet illi kienet teżisti bażi sabiex tiġi xolta s-soċjetà.'*

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u baghtet lura l-atti lura lill-ewwel Qorti. Dan għaliex kien hemm appell pendenti minn digriet.*

*L-ewwel Qorti setgħet biss tiddeċidi xi punt partikolari li jista' jkun maqtugħ għalih bħal punt legali ssollevat mill-attur. L-ewwel Qorti però stante l-pendenza ta' l-Appell ma setgħetx oltre l-punt legali tiddeċidi l-mertu tal-kawża għax dan mhux permissibbli taħt il-liġi proċedurali. In-nullità f'dawn iċ-ċirkostanzi hija tassattiva.*

Il-Qorti: -

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-kontendenti huma aħwa u minn żmien twil kienu jinnegozjaw bħala sħab taħt l-isem ta' *"W & E Bezzina"*; u billi fl-1967 ifformaw bejniethom soċjetà anonima bl-isem *"Bezzina Bros. Ltd."*, li tiġġestixxi fabbrika kbira tal-ħadid, b'sehem indaqs bejniethom u b'poteri u ishma indaqs liema soċjetà kienet intiża u setgħet biss tiffunzjona sakemm ikun hemm qbil bejn is-soċji u fiduċja sħiħa, reċiproka; u billi hekk ġara sa ċirka l-1980, meta l-konvenut irtira mill-impjieg u mix-xogħol attiv mas-soċjetà u bdew jindaħlu uliedu; u billi minn dak iż-żmien 'l hawn ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ azzjonisti u diretturi ħżienu tant li mhux aktar possibbli li s-soċjetà tibqa' titmexxa a benefiċċju ta' l-istess soċjetà u ta' l-azzjonisti; u billi skond l-istatut tas-soċjetà l-kontendenti għandhom poteri indaqs, u għalhekk f'każ ta'

nuqqas ta' qbil, kif qed jiġri spiss, ikun hemm *"stalemate"*, u billi l-konvenut, li għandu *"joint signature"* ma' l-attur jimponi li tgħaddi tiegħu taħt ir-rikatt, ripetutament effettwat, li altrimenti ma jiffirmax iċ-ċekkijiet u jwaqqaf il-pagi u l-produzzjoni, kif effettivament għamel diversi drabi; u billi l-isfidi għall-awtorità ta' l-attur, *Manager* tal-fabbrika, wasslu sal-punt li membri tal-familja sawwtu vjolentement lill-attur, u billi reċentement il-konvenut beda infondatament jivvanta li huwa *"Chairman"* tas-soċjetà u għalhekk dejjem trid bilfors tgħaddi tiegħu, billi oltre l-vot normali, iċ-*Chairman* għandu l-*casting vote* ukoll; u billi għalhekk il-konvenut qiegħed jippretendi li l-attur, li għandu sehem ugwali daqsu fis-soċjetà, jiġi kompletament eżawtorat u jkun f'minoranza perpetwa; u billi skond l-istatut kull parti tista' tirrifjuta li tagħmel *"quorum"* tal-*Board Meeting* u tal-*General Meetings* u b'hekk tipparalizza lis-soċjetà; u billi l-attur ripetutament offra lill-konvenut li jaqsmu bonarjament b'kull mod ġust u ekwu li ssir ġestjoni minn wieħed minnhom b'kondizzjonijiet favorevoli u ġusti għat-tnejn iżda dana jippreferixxi li jħalli kollox kif inhu bl-inkwiet, ġlied u sfiduċja kontinwa għalhekk ma jridx ix-xoljiment bil-konsegwenza li l-produzzjoni qiegħda tkun imfixkla u billi għalhekk il-ġestjoni tas-soċjetà m'għadhiex possibbli u jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw ix-xoljiment ta' l-imsemmija soċjetà; l-istess attur talab li:

(1) jiġi ddikjarat u deċiż li hemm raġunijiet gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw ix-xoljiment ta' l-imsemmija soċjetà *"Bezzina Bros. Ltd."*;

(2) l-imsemmija soċjetà tiġi hekk iddikjarat xolta għat-tenur ta' l-artikolu 149(g) ta' l-Ordinanza X ta' l-1962;

(3) din il-Qorti tinnomina likwidatur bis-setgħat li tagħtih il-liġi u din il-Qorti biex jillikwida s-soċjetà u jirripartixxi bejn il-kontendenti kull attivi eventwali;

(4) l-avviż tax-xoljiment tas-soċjetà jiġi mogħti mir-Reġistratur tal-Qorti lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali; bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat ta' l-inibizzjoni tad-9 ta' Marzu, 1983 tal-protest tad-9 ta' Awissu, 1983, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fil-31 ta' Ottubru, 1983 li biha l-konvenut eċċepixxa li:

(1) Ebda direttur ta' ebda soċjetà m'għandu dritt li jipproponi ċitazzjoni għat-termini ta' l-artikolu 149(g) ta' l-Ordinanza X ta' l-1962. Qabel xejn għalhekk l-attur bħala direttur għandu jċedi l-atti tal-kawża kontra l-eċċipjenti;

(2) Ir-raġunijiet gravi li qed jallega la huma gravi u lanqas ammissibbli bħala raġunijiet in kwantu ħoloqhom huwa stess u ma jista' jibbenefika minn atti illegali għal soluzzjoni legali, kif huwa magħruf;

(3) Il-lamenti fuq statut ta' soċjetà li ilha teżisti sittax-il sena ma jistgħu qatt jikkostitwixxu raġuni ta' xoljiment;

(4) Ir-raba' domanda hija inutili u żbaljata inkwantu l-avviż eventwali ta' xoljiment għandu jingħata mill-istralċjarju;

(5) Ma tistax tiġi xolta soċjetà li l-istatut tagħha huwa injorat mill-Qorti;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Novembru, 1983 li biha l-attur ġie ordnat li jesebixxi kopja legali ta' l-istatut tas-soċjetà *Bezzina Bros. Limited;*

Rat l-imsemmi statut li ġie esebit fl-14 ta' Novembru, 1983 u li jinsab a folio 12 sa 31 tal-proċess;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fil-21 ta' Diċembru, 1983 (li min kif svolġiet it-trattazzjoni tal-kawża jidher li ssostitwiet in-nota ta' l-eċċezzjonijiet preċedenti) u li biha l-konvenut eċċepixxa illi m'hemmm ebda raġuni gravi li tiġġustifika sentenza ta' xoljiment tas-soċjetà kif mhux ser ikun jista' jipprova l-attur fit-trattazzjoni tal-kawża;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut kif ukoll il-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat id-digriet li bih ġie nnominat bħala Perit Ġudizzjarju l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jieħu konjizzjoni ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat li l-istess Perit Ġudizzjarju ġie inoltre nnominat stralċjarju ġudizzjarju;

Rat illi b'digriet ta' l-4 ta' Ottubru, 1985 l-inkarigu mogħti lill-Perit Legali ġie sospiż, waqt li b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 1985 din il-Qorti neħħiet l-inkarigu li kien ingħata lil Dottor Micallef Stafrace bħala stralċjarju ġudizzjarju u dan għar-raġunijiet verbalizzati fl-udjenza ta' l-istess data;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ta' l-1 ta' Ottubru, 1986, li biha ddeċidiet il-kawża billi prevja li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut, laqgħet it-talbiet kollha ta' l-attur kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni u għal fini tat-tielet (3) talba nnominat bħala stralċjarju lid-ditta ta' *Certified Public Accountants* u *Auditors Joseph Tabone & Co.*, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u għal fini tar-raba' (4) talba u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 150(1) ta' l-imsemmija Ordinanza tat lir-Reġistratur tal-Qorti ħmistax (15)-il ġurnata żmien biex jagħti avviż ta' dan ix-xoljiment tas-soċjetà lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet Kummerċjali u fiċ-ċirkostanzi, ordnat li l-ispejjeż kollha kellhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-kontendenti, b'dana però li d-dritt tar-Reġistru għandu jitħallas mill-konvenut u dan kollu wara li dik il-Qorti kkunsidrat dan kollu li ġej u ċjoè:

"Illi l-attur qiegħed jitlob li s-soċjetà *Bezzina Bros. Ltd.*, tiġi xolta taħt id-disposizzjoni ta' l-artikolu 149(g) ta' l-Ordinanza X ta' l-1962 dwar soċjetajiet kummerċjali, liema disposizzjoni tgħid hekk:

Kumpanija xxolji.....(g) jekk, fil-fehma tal-Qorti, ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment".";

"Jidher li l-paragrafu (g) ta' l-imsemmi artikolu 149 x'aktarx ġiet inspirat mill-artikolu 222(g) tal-*Companies Act 1948* Ingliż għalhekk hu utili li jiġi sottolineat li hemm hekk tintuża

diċitura differenti. Infatti l-Qorti Ingliża tista' tordna x-xoljiment ta' soċjetà jekk il-Qorti *"is of opinion that it is just and equitable that the company should be wound-up".";*

"Jidher ċar li l-leġislatur Malti ta lill-Qorti poter diskrezzjonali vast li jiġġudika kull każ fuq il-mertu proprju tiegħu, fis-sens li jekk il-Qorti tkun moralment konvinta li jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment, allura l-Qorti għandha tordna li jsir ix-xoljiment tas-soċjetà li tkun. Ċertament din il-Qorti, kif ippresjeduta, taqbel mal-fehma tal-kompjant Imħallef George Schembri espressa fil-kawża "Daniel Caruana *noe vs* Joseph Lanfranco *et noe"* (Qorti tal-Kummerċ – 20 ta' Awissu, 1975);

"li l-każijiet li jirrendu applikabbli dan il-paragrafu (g) m'hemmx għalfejn ikunu ta' natura simili għal dawn imsemmijin fil-paragrafi l-oħra ta' l-istess artikolu 149";

F'din l-istess sentenza ġie ritenut ukoll li d-dritt li wieħed jadixxi l-Qorti biex jitlob ix-xoljiment ta' soċjetà jispetta mhux biss lis-soċju u lid-direttur iżda saħansitra wkoll lill-kreditur tal-kumpanija "jekk jirnexxielu jipprova l-interess tiegħu li jikkonkorru l-elementi msemmijin fl-artikolu 149";

"Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, tikkonkorri ma' din il-fehma. Inoltre tħoss illi fl-eżami li għandu jsir jekk jikkonkorrux raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw it-talba ta' l-attur għax-xoljiment tas-soċjetà skond l-artikolu 149(g) fuq imsemmi, il-Qorti m'għandhiex tkun ċirkoskritta fil-provi għal dak li jkun ġara sal-mument tal-preżentata taċ-ċitazzjoni. Jidher li l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni wkoll li dawk il-fatti relevanti sija favur jew kontra l-azzjoni tax-xoljiment li jiġru fl-andament

tal-ġestjoni tal-kumpanija anke wara dik id-data għax ir-rimedju drastiku tax-xoljiment ma jidhirx li għandu jingħata ġustament u ekwament sempliċement b'riferenza għal dak li jkun ġara fid-data meta tiġi intavolata t-talba għax-xoljiment iżda għandu jkun ukoll marbut ma' dak li jkun attwalment qed jiġri fis-soċjetà fil-mument li l-kawża titħalla għas-sentenza'';

Ikkunsidrat:

*Illi premessi dawn il-prinċipji ġenerali, jinħtieġ* issa li jiġi eżaminat jekk jirrikorrux raġunijiet gravi biżżejjed li jintitolaw lill-attur bħala azzjonist u bħala direttur (jew ex direttur) tas-soċjetà *"Bezzina Bros. Limited"*, li jitlob ix-xoljiment ta' l-istess soċjetà'';

Jirriżulta li ż-żewġ kontendenti l-aħwa Emmanuel u Walter Bezzina ffurmaw *Private Limited Liability Company* bl-isem *"Bezzina Bros. Ltd." taħt il-kondizzjonijiet li ġew stipulati fil-memorandum and articles of association*, li kopja tagħhom tinsab esebita fil-proċess'';

''Jidher li għal ħafna snin l-azzjonisti dejjem imxew b'fiduċja reċiproka f'xulxin u mexxew is-soċjetà b'mod informali u kienu favur biss ir-resoluzzjoni annwali rikjesti mil-liġi li kienu jiġu ppreparati mill-*Accountants* tas-soċjetà. Jidher li matul dan iż-żmien *is-soċjetà marret 'il quddiem u ffjorixxiet*'';

''L-inkwiet bjen l-azzjonisti jidher li beda meta saħħet il-konvenut Walter Bezzina marret lura u daħal fix-xena ibnu Godfrey Bezzina. Il-konvenut irtira għal kollox min-negozju u l-impjieg, skond l-attur, fl-1981, u Godfrey Bezzina, li kien impjegat mas-soċjetà, bil-kunsens ta' missieru ppretenda li

jirrappreżenta lil missieru bl-istess drittijiet u fakultajiet";

"Jidher li l-attur ma ħax pjaċir b'dan u kien lest li jaċċetta lil Godfrey Bezzina bħala prokuratur ta' missieru iżda mhux bħala *alternate director*. Min-naħa tal-konvenut dan ippretenda li hu kien u baqa' minn dejjem iċ-*Chairman* tas-soċjetà u hekk ippretenda li kien intitolat li jkollu l-"*casting vote*" b'mod li fil-prattika ppretenda li f'kollox isir dak li jipproponi hu. Ippretenda wkoll li anke fil-kariga ta' *Chairman*, ibnu Godfrey seta' jirrappreżentah fil-laqgħat. L-attur min-naħa tiegħu dejjem irreżista dawn il-pretensjonijiet u sostna li n-nomina ta' "*Chairman*" li kellu l-konvenut skadiet wara l-ewwel sena peress li hu qatt ma ġie nnominat u elett f'din il-kariga fis-snin suċċedenti";

"Illi b'hekk spiċċat il-fiduċja bejn il-kontendenti li bdew jgħumu f'baħar ta' inkwiet għax ma rrealizzawx li kien ikun fl-interess ta' tnejn li jsibu xi forma ta' arranġament bonarju mill-bidu. Minflok bdiet speċi ta' "*tug of war*", bejniethom, seħħew diversi inċidenti ta' disgwid serju u anki ta' vjolenza fiżika b'mod li t-tmexxija u l-produzzjoni tas-soċjetà marret lura ħafna. Il-konvenut wasal ukoll li jirrifjuta li jiffirma ċ-*cheque* biex isir il-ħlas tal-pagi tal-ħaddiema kif kien isir qabel u b'hekk il-ħaddiema baqgħu għal xi żmien bla paga. Il-*union* tagħhom ordnat "*sit down strike*" li twaqqaf wara xi żmien. Peress li dawn l-inċidenti rripetew ruħhom din il-union spiċċat biex ħadet jew aħjar ġiet mogħtija t-tmexxija tal-fabbrika li hi l-unika *asset* tas-soċjetà "*Bezzina Bros. Limited*". Skond l-attur, li ma ġiex kontradett, il-fabbrika qiegħda titmexxa minn uffiċjal tal-*Union* u ħadd mid-direttur ma għad baqgħalhom ebda sehem fit-tmexxija tal-fabbrika. Il-ħaddiem qegħdin jitħallsu tal-paga iżda m'hux qiegħed jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti l-kontribuzzjonijiet

statutorji tal-*P.A.Y.E.* u tan-*National Insurance,* b'mod li d-direttur huma personalment responsabbli għas-*sommom* inġenti fil-konfront *ta' l-istess awtoritajiet.* Ġie allegat fin-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-attur a fol. 196 li kemm ilha l-fabbrika tiġi amministrata b'dan il-mod is-soċjetà tilfet fuq Lm20,000 apparti l-kontribuzzjonijiet imsemmija'';

''Ix-xhud *Joseph* Schembri ta dettalji tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi u tal-*General Meetings* u esebixxa kopja meħuda mill-Ktieb tal-minuti. Dawn il-minuti juru stampa ċara tas-sitwazzjoni kerha li jinsabu fiha l-kontendenti – sitwazzjoni ta' ''*stalemate*'' jew ''*deadlock*'', sitwazzjoni ta' antogoniżmu tali li l-funzjonament tas-soċjetà msemmija jinsab illum tista' tgħid reż impossibbli'';

''*Ikkunsidart:*

Dan huwa, fil-qosor ħafna, l-isfond fattwali tal-kawża. Id-difensur ta' l-attur, fil-verbal tal-21 ta' Mejju, 1986, *issottometta* illi ''*una volta*'' *li ż-żewġ azzjonisti* għandhom kull wieħed ħamsin (50) *fil-mija* ta' l-azzjonijiet u ma jistgħux jiftehmu u jaqblu fuq xejn u fuq kollox u l-istatut tas-soċjetà ma jipprovdix soluzzjoni għal stat simili, allura jkun hemm is-sitwazzjoni klassika ta' ''*stalemate*'' li jista' jiġi *risolut* biss mill-Qorti permezz ta' *din iċ-ċitazzjoni*'';

''Id-difensur tal-konvenut sostna li l-istatut tas-soċjetà jaħseb għall-mekkaniżmu li bih jiġu risoluti d-differenzi ta' opinjonijiet u *ssottometta li ma hijiex possibbli dik is-sitwazzjonii ta'* stallu – dak l-*istalemate* li pprospetta l-attur. Sostna li l-artikolu 22 u 30 ta' l-Istatut jaħseb għal sitwazzjoni fejn ikun hemm ''*equality of votes*'' kemm fil-laqgħat ġenerali ta' l-azzjonisti u

kemm fil-laqgħat tal-Bord ta' Amministraturi/Diretturi tas-soċjetà, għaliex fiż-żewġ okkażjonijiet hemm stipulat li f'każ ta' ugwaljanza ta' voti, *"the Chairman shall also have a casting vote"*. Huwa rrifera għal klawsola 6 ta' l-Istatut li biha ġie nnominat il-konvenut bħala *"Chairman"* u ġie sottomess li "minn dak il-mument – u sakemm l-esponenti jmut – il-mekkaniżmu ngħata l-ewwel spinta biex jaħdem u biex jaħdem neċessarjament u inevitabilment" (folio 201)";

"Illi għalhekk il-konvenut jippretendi li huwa ġie nnominat *"Chairman"* bl-istatut u għandu dritt ikompli jokkupa din il-kariga sa ma jmut. Fi kliem ieħor jikkontendi li l-istatut, tah mhux għall-ewwel sena biss iżda għal dejjem, is-setgħa li jkollu f'idejh il-kontroll komplet tas-soċjetà u li meta jrid bil-*"casting vote"* tiegħu, seta' jeskludi lid-direttur l-ieħor, l-attur effettivament mill-*"Management"* tas-soċjetà";

"Ikkunsidrat:

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pretensjoni tal-konvenut. Il-klawsola 6 tal-***"Memorandum"*** tistabbilixxi illi *the first director to form part of the Board (of Directors) shall be:*

(a) Emanuel Bezzina – *Managing Director*

(b) Walter Bezzina – *Chairman and Manager*

Imbagħad jingħad fil-klawsola 28 ta' l-***Articles of Associations:***

*The initial Directors of the Company shall remain on the*

*Board for one year. The Directors of the Board shall be nominated and elected to the Board yearly at the Annual General Meeting, or at any other meeting called for the purpose, in case of vacancy on the Board, for whatever reason. Directors shall be eligible for re-election yearly;*

Il-klawsola 33 tistabbilixxi:

*The Chairman shall preside at Board Meetings and at General Meetings, and in his absence the vice-chairman or any other Directors elected for the purpose shall take the chair*";

"Minn eżami ta' l-istatut soċjali, u senjatament tal-klawsoli fuq iċċitati, jidher ċar li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li ċ-*chairmanship* ikun attribut ta' persuna li tkun direttur u hekk kif il-kariga ta' direttur ma ngħatat lil ħadd in perpetwu, ċertament lanqas iċ-*chairmanship* ma ngħata lil ħadd in perpetwu. Jidher li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li l-kariga ta' direttur anke jekk ikkwalifikat bħala *Chairman* jew *Managing Director*, ingħata inizjalment għal sena biss. Wara l-ewwel sena kull min kien direttur, anke jekk *Chairman* jew *Managing Director*, spiċċa mill-istess kariga u kien neċessarju li jerġa' jiġi nnominat u elett direttur għas-sena ta' wara u dan kellu jirrepeti ruħu kull sena suċċessiva. Fil-fatt jidher li s-soċjetà qatt ma kellha *chairman* innominat u elett wara l-ewwel sena. In forza ta' l-istatut id-diretturi kienu jiddemettu awtomatikament kull sena u kienu jerġgħu jiġu nnominati u eletti żewġ diretturi biss";

"Għalhekk, jidher ċar li l-istatut soċjali ħaseb għall-mekkaniżmu biex isolvi *deadlocks* possibbli għall-ewwel sena biss, għax in-nomina ta' *chairman* li saret fl-istatut raġonevolment ma kinitx testendi għal aktar minn sena. L-istatut ma ħasibx

għal xi forma ta' mekkaniżmu li jassigura li jiġi elett *chairman* tal-Bord dejjem u f'kull żmien. L-istatut lanqas jikkontempla xi mekkaniżmu ta' *arbitration* jew riferenza għal terz meta l-partijiet ma jaqblux. B'hekk l-istatut soċjali kellu insitu fih difett, fis-sens li meta d-diretturi ma jaqblux fuq *chairman* (li naturalment ikollu l-*casting vote* f'każ ta' ugwaljanza ta' voti) il-Bord isib ruħu f'*deadlock* jekk iż-żewġ diretturi, li għandhom ismha indaqs, ma jaqblux bejniethom u ma jidhirx li teżisti ebda possibbilità li dan id-*deadlock* komplet fil-*Management* ikun risolut f'xi *"board meeting"* jew f'xi *"General meeting"*. Fil-fatt ilha ma ssir laqgħa ġenerali, skond l-attur (ara fol. 204), għal aktar minn sentejn. Jidher li l-kontendenti ma kinux għaqlin biżżejjed li jidentifikaw u jsolvu l-problema malli din tfaċċat. Minflok, ħallew iż-żmien jgħaddi u aktar ma għadda ż-żmien aktar kibru d-diverġenzi bejn iż-żewġt aħwa soċji li llum spiċċaw biex ma jistgħux jaqblu fuq xejn, wisq anqas fuq min għandu jkun innominat *chairman* konsapevoli li din il-kariga ġġib magħha l-kontroll assolut tas-soċjetà. Tieħu bla ma trodd anke s-swar tħott. U hekk ġralha *"de facto"* s-soċjetà *"Bezzina Bros. Ltd."*;

"Illi fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti dan l-istat possimu attwali li tinsab fih l-imsemmija soċjetà jikkostitwixxi anke fih innifsu biss u indipendentement mill-argument legali aktar qabel espost raġuni validissima għax-xoljiment ta' l-istess soċjetà li diversament tkompli titkisser u titfarrak";

"Illi għalhekk, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjetà *Bezzina Bros. Ltd.* li għandha tiġi ddikjarata xolta għat-tenur ta' l-artikolu 149(g) ta' l-Ordinanza X ta' l-1962";

"Illi dwar in-nomina ta' stralċjarju, il-Qorti jidhrilha li għandha tinnomina lid-ditta ta' *Certified Public Accountants and Auditors" "Joseph Tabone & Co."* li tidher li tgawdi l-fiduċja *taż-żewġ kontendenti* u anke peress li jidher li din in-nomina tista' validament issir *in vista* ta' l-artikolu 4 ta' l-Att VII ta' l-1975 li jinkludi fid-definizzjoni ta' persuna "kull għaqda jew korp ieħor ta' persuni sew jekk dik il-għaqda jew dak il-korp ikunu persuna ġuridika jew le";

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-istess Walter Bezzina a fol. 248 u a *fol.* 245 sa 254 il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u għalhekk tirrimetti l-atti lill-istess l-Ewwel Qorti biex il-kawża titkompla kif suppost skond il-liġi, wara li jiġi akkolt il-preċedenti appell tiegħu u jittieħed kwalunkwe provvediment ieħor li hemm bżonn, skond il-liġi, bl-ispejjeż ta' dawn iż-żewġ appelli kontra l-attur;

Rat a fol. 257 – 258 ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur *proprio et nomine* li biha għar-raġunijiet li indika, issottometta li l-appell tal-konvenut *proprio et nomine* kellu jiġi respint u s-sentenza appellata kienet timmerita li tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawża li huma rilevanti u opportuni inklużi l-atti ta' l-appell fl-istess ismijiet magħmul mill-konvenut fil-25 ta' Settembru, 1984 minn digriet ta' l-Ewwel Qorti tal-21 ta' Settembru, 1984, liema appell għadu pendenti quddiem din il-Qorti u liema appell kif jirriżulta mid-digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' April, 1987, (fol. 278) sa din l-imsemmija data kien għadu ma nġiebx a konjizzjoni ta' din il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Mary armla ta' Emanuel Bezzina, Joseph, Raymond, Roger, Yvonne mart Vincent German u Alexandra mart Francis Azzopardi aħwa Bezzina li bih wara li ddikjaraw li fil-mori tal-kawża miet l-appellat Emanuel Bezzina u ħalla bħala superstiti lilhom li huma wkoll eredi tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġobha tilleġittima l-atti f'isimhom għar-raġuni premessa;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ġunju, 1987, quddiem din il-Qorti minn fejn jirriżulta li Dr. Edward Debono difensur ta' l-eredi tad-*decuius* appellat Emmanuel Bezzina rrileva b'riferenza għar-rikors imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan li r-rikorrenti hemm imsemmija qegħdin jidhru bħala eredi ta' Emmanuel Bezzina u fl-ebda kwalità oħra;

Rat a fol. 288 in-nota ta' l-appellant Walter Bezzina li biha *stante* l-mewt ta' l-appellat Emmanuel Bezzina u n-"nota" ta' l-armla tiegħu Mary u ta' uliedu eredi tiegħu rrileva dan li ġej:

"1) Wara l-mewt ta' soċju, l-artikolu 6 ta' l-*Articles of Association* tas-soċjetà jirregola illi (a) persuna waħda biss (innominat mill-eredi) għandha d-dritt li tiġi rreġistrata bħala l-azzjonista tas-soċjetà u fin-nuqqas, l-eredità gjaċenti: *"which estate shall for all intents and purposes be considered as the sole shareholder"*;

"2) Bin-nota li hemm a fol. 281 l-aventi kawża tiegħu ma kkonfermawx ruħhom ma' din l-esiġenza";

"3) L-azzjonist il-ġdid irid jiġi rreġistrat bħala tali biex ikollu d-drittijiet soċjali – inkluż id-dritt litiġjuż esperit f'din il-kawża";

"4) Ebda reġistrazzjoni simili ma ġiet mitluba lis-soċjetà u m'hemmx għalhekk ebda persuna fiżika kjamata għal dawk id-drittijiet u";

"5) Sakemm ma jsirx dak li *jrid* l-istatut soċjali fir-rigward għad m'hemmx leġittima parti fil-preżenti kawża";

Dawn is-sottomissjonijiet l-appellant Walter Bezzina għamilhom in sostenn ta' eċċezzjoni formali *"ad hoc"* li hu rrileva permezz tan-nota msemmija;

Rat a fol. 290 in-nota responsiva ta' Mary armla minn Emmanuel Bezzina *et* li biha ġie sottomess dan li ġej u ċjoè:

1) Illi "l-artikolu 6 ta' l-istatut soċjali jipprovdi:

*"Shares are transferable on death of the shareholders under the terms of law and if there is more than one heir; the Company* ***may*** *insist that the relative heirs may appoint one person to represent their interests in the Company and in this case such a person shall be considered as the lawful shareholder of the said shares he represents, and until this is done they shall not be recognised individually as shareholders and shall not enjoy the right competent to other shareholders but the shares shall still be considered as appertaining to the estate of the deceased which estate shall for all intents and purposes of law be considered as the sole shareholder"*;

2) "Kif jirriżulta ċar u tond mill-imsemmi artikolu 6 ta' l-istatut soċjali l-azzjonijiet jiddevolvu fuq il-werrieta skond il-liġi";

3) "Huwa fakultattiv għas-soċjetà ossija għall-Bord tad-Direttur biex titlob lill-azzjonisti jiġu rappresentati b'wieħed minnhom biss u dana sempliċement u limitatament għal skopijiet ta' votazzjoni f'seduta ġenerali għax ma jkunx hemm ipprovdut minn jista' jagħti l-vot bejn diversi proprjetarji ta' l-azzjonijiet";

4) "Kieku kien il-każ li l-Bord tad-Diretturi rappreżentanti s-soċjetà jitolbu li l-azzjonisti werrieta ta' Emmanuele Bezzina kellhom jiġu rappreżentati minn wieħed minnhom biss żgur li f'każ ta' talba għax-xoljiment tas-soċjetà kull azzjonist u ko-proprjetarju jista' jitlob il-Qorti għal dana x-xoljiment f'każ li jħoss illi d-drittijiet tiegħu derivanti mill-istatut soċjali qed jiġu leżi";

Fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 1987 din il-Qorti wara li semgħet it-trattazzjoni fuq il-kwistjoni ssollevata bin-nota ta' l-appellant ta' l-10 ta' Ġunju, 1987 a fol. 288 fir-rigward tan-nota ta' l-eredi tal-mejjet Emanuel Bezzina ddiferiet il-kawża għall-provvediment opportun jew deċiżjoni skond il-każ. Jiġi rrilevat li t-trattazzjoni fuq il-mertu kollu ta' l-appell odjern kien ġà ġie ttrattat quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 1987;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra mill-ewwel tgħaddi biex tiddeċidi l-kwistjoni legali ssollevata wara l-mewt fil-mori ta' dan l-appell ta' l-appellat Emmanuel Bezzina u li tirrigwarda r-rikors ta' l-armla tiegħu u ta' uliedu għal-leġittimazzjoni ta' l-atti f'isimhom u l-opposizzjoni ta' l-appellant għal din it-talba;

Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-vertenza għandha s-soluzzjoni tagħha kristalizzata fl-istess artikolu 6 ta' l-*Articles*

*of Association* invokat mill-kontendenti;

Dan l-artikolu li ġà ġie ċċitat fl-intier tiegħu aktar 'il fuq u li jirriżulta minn paġna 21 *tal-proċess* fil-fehma ta' din il-Qorti, *infatti ma jħallix* dubju *kif* hija rregolata mill-istatut *soċjali* t-trasmissjoni ta' l-azzjonijiet "*causa mortis*". Fil-fehma ta' din il-Qorti wkoll l-istess artikolu ma jagħtix raġun lill-appellant fis-sottomissjonijiet tiegħu. Infatti apparti milli dan l-artikolu proprju jibda biex jistabbilixxi li "*shares are transferable on death of the shareholders under terms of law*" l-istess artikolu jipprovdi għal modalità ta' nomina ta' persuna waħda mill-eredi ta' l-azzjonista mejjet fil-każ biss li s-soċjetà tesiġi li jsir dan. Sakemm *ma ssirx din* ir-rikjesta tapplika l-liġi normali viġenti in materja ta' trasmissjoni ta' azzjonijiet "*causa mortis*" safejn dawn ma ġewx derogati mod ieħor mill-kontraenti *soċjali*. Fuq dan ma *jistax ikun hemm* dubju għaliex l-artikolu 6 *ma* jistipulax li *meta* hemm aktar minn eredi wieħed ta' azzjonista għandu dejjem isir dak li qed jippretendi l-appelant iżda biss li "*if there is more than one heir, the company* ***may*** *insist that the relative heir appoint one person to represent them.....*";

Fil-każ in diżamina minn imkien ma jirriżulta li wara l-mewt ta' l-attur l-appellat Emmanuel Bezzina saret xi *talba simili* **mis-soċjetà.** *Dan* apparti mill-fatt li fl-istat attwali ta' *management* u *Board of Directors* diffiċilment wieħed jista' jifhem kif tista' ssir din ir-rikjesta;

L-eċċezzjoni relattiva tal-konvenut *proprio et nomine* ssollevata bin-nota ta' l-10 ta' Ġunju, 1987 (fol. 288) għalhekk qed tiġi respinta bl-ispejjeż relattivi a kariku ta' l-istess appellant eċċipjent;

Kwantu għat-talba ta' Mary armla ta' Emmanuele Bezzina, Joseph, Raymond, Roger, Yvonne mart Vinvent German u Alexandra mart Francis Azzopardi aħwa Bezzina biex jiġu leġittimati l-atti f'isimhom din il-Qorti tenut kont ta' dak sottomess minnhom inkluża d-dikjarazzjoni fuqhom li qed jagħmlu din it-talba *qua* eredi ta' Emmanuele Bezzina u fl-ebda kwalità oħra tilqa' l-istess talba tagħhom u għalhekk fl-okkju tal-kawża għandha tidħol iż-żieda opportuna;

Dan kollu premess din il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina l-appell interpost mill-konvenut *proprio et nomine* u sejra fl-ewwel lok tissofferma ruħha fuq preġudizzjali konsistenti f'eċċezzjoni ta' nullità tas-sentenza appellata peress li din hi eċċezzjoni perentorja;

L-appellant qed jissottometti li s-sentenza appellata hija nulla għaliex ingħatat meta quddiem il-Qorti ta' l-Appell kien u għad hemm appell pendenti kontra digriet tal-Qorti tal-Kummerċ tal-21 ta' Settembru, 1984;

Skond l-appellant waqt li l-atti kollha tal-kawża kienu quddiem din il-Qorti, il-Qorti tal-Kummerċ f'ċertu mument iddeċidiet li tkompli tisma' l-kawża, ċjoè li tisma' l-lamenti ta' l-attur rigward id-dewmien ta' l-istess kawża. L-appellant isostni li din il-proċedura tannulla kull ma hemm maħsub fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għall-andament ordnat, sewwa u ġust tal-kawżi quddiem il-Qorti u joħloq konfużjoni tali li ma jistax ma jassigurax l-annullament tas-sentenza;

Illi effettivament jirriżulta minn atti pendenti quddiem din il-Qortu u li l-istess Qorti saret taf bihom biss wara l-imsemmi digriet tat-23 ta' April, 1987, li fil-21 ta' Settembru, 1984, il-

*Qorti tal-Kummerċ* *ippronunzjat f'din* il-kawża odjerna digriet li bih ċaħdet talba tal-konvenut biex dik il-Qorti tordna lil Dr. Joseph Micallef Stafrace li jneħħi immedjatament l-inkariku mill-istess Dr. Micallef Stafrace mogħti lis-soċjetà *Joseph Tabone & Co.*, u minflok approvat l-operat ta' Dr. Joseph Micallef Stafrace;

Il-konvenut *proprio et nomine* ħassu aggravat b'dak id-digriet u permezz ta' rikors tal-25 ta' Settembru, 1984, interpona appell minnu. Dan l-appell verament għadu pendenti quddiem din il-Qorti li kif irrelevat ġiet a konjizzjoni tiegħu reċentement biss;

Issa skond is-sub-artikolu (5) ta' l-artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili meta fil-kors tas-smigħ ta' kawża in Prim'istanza jingħata digriet interlokutorju u minnu jsir appell skond l-istess artikolu qabel is-sentenza *definittiva* l-kawża fil-qorti ta' l-ewwel grad ma tiġix maqtugħa sakemm ma jiġix deċiż dak l-appell, barra minn fuq xi punt partikolari li jista' jiġi maqtugħ għalih, apparti mill-mertu li jkun jidħol fl-appell;

L-appellat fir-risposta ta' l-appell tiegħu ssottometta li l-appell *"de quo"* bl-ebda mod ma fixkel l-andament tal-kawża li naturalment spiċċa mas-sentenza finali fuq il-mertu u dan ma jwassal għall-ebda nullità;

Inoltre skond il-verbal tal-partijiet ġie deċiż li l-Qorti tiddeċidi jekk kienx hemm rimedju statutorju fil-każ li l-partijiet ma jaqblux, u ma jaqblux kull sena fuq in-nomina ta' *Chairman*. Oltre dan, il-konvenut kien qed jippretendi li l-attur ma jistax iġib 'il quddiem disgwid u fatti li ġraw waqt il-kawża, anke jekk dawn jillustraw l-istat deterjorat ta' l-affarijiet li l-partijiet ma jistgħux jaħdmu flimkien;

L-appellat kompla jissottometti illi l-Ewwel Qorti ttrattat il-punt legali statutorju u ġustament waslet għall-konklużjoni li ma hemmx rimedju statutorju, anke meħudin ukoll bħala fatt il-minuti tas-soċjetà li wrew li ma nżamm ebda *"general meeting"* tul l-aħħar erba' snin u konsegwentement ma ġew eletti ebda diretturi kif suppost sar kull sena skond l-istatur. Din id-deċiżjoni talbuha l-partijiet u l-Qorti ddeċidiet;

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 1986, quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 186) wara li Dr. Giovanni Bonello rrinunzja għall-patroċinju ta' l-attur, Dr. Joseph M. Fenech li daħal minfloku jippatroċinah iddikjara li l-pretensjoni ta' l-attur *nomine* hija li *"una volta"* li ż-żewġ azzjonisti għandhom kull wieħed ħamsin fil-mija ta' l-azzjonijiet u ma jistgħux jiftehmu u ma jaqblu fuq xejn u fuq kollox, l-Istatut tas-soċjetà ma jipprovdix soluzzjoni għal stat simili, allura jkun hemm is-sitwazzjoni klassika ta' *"stalemate"* li jista' jiġi risolut biss mill-Qorti, permezz ta' likwidazzjoni a tenur tal-liġi u kif l-attur talab li jsir permezz ta' din iċ-ċitazzjoni". Wara din id-dikjarazzjoni l-Ewwel Qorti iddifferiet il-kawża għat-2 ta' Ġunju, 1986 għat-trattazzjoni fuq dan il-verbal. Fit-2 ta' Ġunju, 1986 minħabba impediment leġittimu ta' wieħed mid-difensuri l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għall-11 ta' Ġunju, 1986, bil-fakoltà lid-difensuri li jippreżentaw nota ta' osservazzjonijiet dwar il-verbal tal-21 ta' Mejju, 1986 magħmul mill-attur. Fil-fatt fil-5 ta' Ġunju, 1986 l-attur ippreżenta nota ta' osservazzjonijiet u fl-10 ta' Ġunju, 1986 il-konvenut ippreżenta n-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu;

Fis-seduta tal-11 ta' Ġunju, 1986, saret trattazzjoni u l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għall-20 ta' Ġunju, 1986, biex

jixhed is-Segretarju tal-Kummerċ;

Fit-12 ta' Ġunju, 1986, l-attur ippreżenta nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri;

*Fis-seduta ta' l-20 ta' Ġunju, 1986,* l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għat-30 ta' Ġunju, 1986, peress li kien hemm possibbilità ta' transazzjoni;

Fis-seduta tat-30 ta' Ġunju, 1986 wara li ġie verbalizzat li t-transazzjoni ma seħħitx, id-difensuri qablu li l-kawża tittratta għas-sentenza "fuq il-punt li ġie verbalizzat u fid-dawl tan-noti *li ġew ippreżentati mill-partijiet*" b'dan li l-konvenut ġie mogħti l-fakoltà li jagħmel nota responsiva ulterjuri bil-*visto* tal-kontroparti sal-31 ta' Lulju, 1986 u l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-1 ta' *Ottubru, 1986;*

Fil-fatt fit-8 ta' Lulju, 1986, l-attur ippreżenta nota ta' riljevi ulterjuri;

Il-kawża ġiet finalment deċiża mill-Ewwel Qorti bis-sentenza mertu ta' l-appell odjern fl-1 ta' Ottubru, 1986;

Ikkunsidrat:

Illi apparti *milli minn dan kollu* hu ovvju li s-sentenza li l-Ewwel Qorti kienet intalbet li tagħti kienet waħda parzjali u limitata għall-punt issollevat mill-attur, fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 1986, bl-ebda mod ma jista' jiġi argumentat li *una volta ammetta s-sottomissjoni* ta' l-attur magħmula b'dak il-verbal dan kien neċessarjament jekwivali wkoll għall-akkoljiment tat-talbiet tiegħu kontenuti fiċ-ċitazzjoni. Infatti għalkemm l-Ewwel talba

tiegħu kienet li jiġi ddikjarat u deċiż li hemm raġunijiet gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw ix-xoljiment tas-soċjetà, il-premessi u l-kawżali ta' l-istess ċitazzjoni kienu diversi u l-kwistjoni ta' l-*istalemate* kienet biss waħda minn ħafna premessi. Oltre dan jiġi rrilevat ukoll illi mill-verbal tal-21 ta' Mejju, 1986 jidher illi dak li kellu jiġi deċiż kien il-punt legali biss u mhux il-punt legali b'riferenza għall-fatti speċji ta' dan il-każ. Infatti fil-para. 2 tan-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu (fol. 159) il-konvenut testwalment issottometta illi:

"M'huwiex ċar jekk din hijiex l-unika pretensjoni ta' l-attur bħala bażi għat-talba ta' likwidazzjoni. Presumibbilment m'hix. Però f'dan l-istadju, billi l-attur talab li tingħata sentenza a bażi ta' din il-pretensjoni biss – preċedentement isegwi illi (a) il-provi kollha li saru mill-attur, huma għal kollox irrilevanti u għandhom jitqiesu li m'humiex fil-proċess tant illi ma kienx hemm neċessità li jixhed il-konvenut u li jġib il-provi tiegħu; u din in-nota u l-assent tal-konvenut għal din il-linja ta' kondotta proċedurali ġew mogħtija fuq din l-intiża preċiża għaliex naturalment fuq kull pretensjoni oħra ta' l-attur, il-konvenut għandu fuq x'hiex jirribatti mill-prova li jista' jġib l-attur, biex jitlob ix-xoljiment tas-soċjetà skond l-artikolu 149(g) ta' l-Ordinanza";

F'dan l-istat ta' fatt l-Ewwel Qorti kellha tiddeċidi biss il-punt legali ssollevat u mhux tinvesti l-fatti speċji tal-każ inkluż eżami tal-fatti. Invece rriżulta mis-sentenza appellata li minbarra li investiet il-punt legali msemmi ddeċidiet ukoll li l-istat passiv u attwali li fih tinsab l-imsemmija soċjetà jikkostitwixxi anke fih innifsu biss u indipendentement mill-argument legali aktar qabel espost raġuni validissima għax-xoljiment ta' l-istess soċjetà li diversament tkompli titkisser u titfarrak. Konsegwentement l-

ewwel Qorti laqgħet it-talbiet kollha ta' l-attur u inoltre anke ċaħdet *l-eċċezzjoni tal-konvenut*;

Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk il-posizzjoni legali hi kif ġej u ċjoè *illi*:

a) l-Ewwel Qorti *stante* l-appell tal-25 ta' Settembru, 1984 *quddiem* din il-Qorti li għadu pendenti sallum setgħet fit-termini ta' l-artikolu 229(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tiddeċidi biss xi punt partikolari li jista' jkun maqtugħ għalih bħal punt legali ssollevat mill-attur *nomine;*

b) illi però l-Ewwel Qorti *stante* l-pendenza ta' l-imsemmi appell ma setgħetx oltre l-punt legali tiddeċidi l-mertu tal-kawża kif fil-fatt għamlet għax dan mhux permissibbli taħt il-liġi proċedurali;

ċ) f'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk in-nullità hija tassattiva;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell tal-konvenut *proprio et nomine* billi tilqa' l-istess fis-sens li tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza appellata u konsegwentement tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' dan l-appell apparti dawk ġà deċiżi jiġu ssopportati mill-kontendenti nofs kull wieħed.